**27 ta' Novembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Francis Gauci *et*

*versus*

Charles Sant

**Reżiliment ta' Għerusija - Raġuni Valida għat-Tħassir ta' l-Isponsali**

*Il-fatt tar-restituzzjoni tar-rigali mill-parti li tkun ħassret l-għerusija u l-aċċettazzjoni tagħhom mill-parti l-oħra mhux biżżejjed biex tikkostitwixxi r-rinunzja għall-azzjoni. Jeħtieġ li l-konvenut jipprova li kien hemm espressament rinunzja għall-azzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew li l-konvenut ħassar l-għerusija ma' l-attriċi għal motivi imputabbli għalih u mingħajr ġusta kawża u li l-atturi sofrew danni konsistenti prinċipalment fl-ispejjeż li huma għamlu in kontemplazzjoni taż-żwieġ inkluż ir-riċeviment li sar għall-għerusija ta' l-attriċi u tal-konvenut, liema danni jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża, talbu li din il-Qorti previja jekk hemm bżonn dikjarazzjoni li r-reżiliment ta' l-isponsali hu imputabbli għall-konvenut, tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-atturi dak l-ammont li jiġi llikwidat minn din il-Qorti okkorrendo b'opra ta' periti *nominandi* in linea ta' danni sofferti

minnhom - bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Ġunju, 1980 kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixa illi l-partijiet ġà llikwidaw bonarjament il-kwistjoni u ftehmu li ma kellhomx aktar prtensjonijiet kontra xulxin u subordinatament illi r-reżiliment ta' l-għerusija sar bi ħtija ta' l-attriċi Filomena Gauci; u illi l-festa ta' l-għerusija saret mill-ġenituri ta' l-għarusa b'inizzjattiva u a vantaġġ tagħhom u kontra r-rieda tal-konvenut u għalhekk, fi kwalunkwe każ, m'għandux iħallas għall-festa li hu mhux biss ma talabx, imma li saret kontra l-volontà tiegħu;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Avukat Dr. Joseph Cassar minnu debitament maħlufa fis-seduta tad-9 ta' Frar, 1984;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-perit legali wasal għall-konklużjoni illi l-għerusija bejn l-attriċi u l-konvenut tħassret mill-konvenut mingħajr ġusta kawża;

Il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, taqbel ma' din il-konklużjoni. Infatti, dawn il-provi juru li l-attriċi riedet li hija u l-konvenut imorru *dinner dance* flimkien mal-familja tagħha u li l-konvenut ma riedx imur u qallha li jekk hija tmur, huwa jħassar l-għerusija. Fil-fatt l-attriċi marret u l-konvenut in segwitu ħassar l-għerusija;

Il-Qorti però tirritjeni li l-konvenut ma kienx raġonevoli meta ried jimponi fuq l-attriċi li ma jmorrux għal dak id-*dinner dance*. Veru illi huma ġimgħa qabel kienu marru *dinner dance* ieħor, iżda meta l-attriċi mbagħad riedet tmur id-*dinner dance* in kwistjoni mal-familja tagħha, il-konvenut imissu aċċetta li jmur u b'dan il-mod jikkuntentaha, speċjalment meta jidher mid-deposizzjoni tiegħu stess taħt kontro-eżami li hu ma ġiex mitlub biex iħallas għall-biljett. L-attriċi ma riedet xejn ħażin meta riedet tmur dak id-*dinner dance* mal-membri tal-familja tagħha u, fiċ-ċirkostanzi, il-konvenut ma jmissux jirrifjuta li jmur u jipprova jimponi ruħu fuq l-attriċi. Meta l-attriċi marret dak id-*dinner dance*, hija kienet qiegħed tirreaġixxi għall-atteġġjament irraġonevoli tal-konvenut. Il-Qorti ma tarax li f'dan il-każ kien hemm dik ir-raġuni gravi li jeħtieġ li tkun hemm skond il-liġi (Qorti ta' l-Appell, **Mifsud *vs* Saliba**, 3 ta' Marzu, 1913, Kollezzjoni Deċiżjonijiet, Vol. XXII - I - 26 u Prim'Awla, Qorti Ċivili, **Penza *vs* Cachia**, 16 ta' Novembru, 1959, Kollez. Deċ., Vol. XLIII - II - 805) biex tintitola lill-konvenut li jħassar l-għerusija";

Ikkunsidrat:

Il-konvenut qiegħed jissottometti illi in segwitu għat-tħassir ta' l-għerusija, il-partijiet kienu illikwidaw bonarjament il-kwistjoni u ftehmu li ma kellhomx aktar pretensjonijiet kontra xulxin. Peress li huwa l-konvenut li qed jallega li kien hemm din il-likwidazzjoni u ftehim, il-konvenut li għandu jipprova l-eżistenza tagħhom (artikolu 561, Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatt tar-restituzzjoni tar-rigali mill-parti li tkun ħassret l-għerusija (f'dal każ il-konvenut) u l-aċċezettazzjoni tagħhom mill-parti l-oħra mhux biżżejjed biex tikkostitwixxi r-rinunzja għall-azzjoni (Qorti ta' l-Appell, **Attard *vs* Leopardi**, 19 ta' Jannar, 1898, Kollez. Deċ. Vol. XVI - I - 187 u Prim'Awla, Qorti Ċivili, **Penza *vs* Cachia**, 16 ta' Novembru, 1959, ġà ċċitata). Jeħtieġ li l-konvenut jipprova li

kien hemm espressament ir-rinunzja għall-azzjoni;

F'dan ir-rigward il-Qorti hi tal-fehma li għandha ssir distinzjoni. In kwantu li l-azzjoni qiegħda ssir mill-attriċi, jidher li in segiwtu għat-tħassir ta' l-għerusija, l-attriċi kienet ħadet ir-rigali u l-affarijiet oħra tagħha u l-konvenut kien ħa r-rigali tiegħu u jirriżulta ukoll li l-attriċi qaltlu (fol. 30) li ta' l-ikel ma kinitx se tfittxu. Ma jirriżultax li l-attriċi personalment kellha xi pretensjonijiet oħra kontra l-konvenut u fil-fatt fil-kawża preżenti hija ma avanzatx xi pretensjonijiet tagħha personali billi dak li qiegħed jiġi pretiż huwa dak li ġie minfuq fl-okkażjoni ta' l-għerusija u dan ma ġiex minfuq mill-attriċi personalment stante li, skond ma xehdet l-istess attriċi (fol. 31) "Għall-festa ta' l-*engagement* il-flus ħallsuhom il-ġenituri. Jiena ma ħriġt xejn". Għalhekk ma jidhirx li l-attriċi sofriet xi danni li tista' tirreklama f'din il-kawża billi r-rigali u l-affarijiet l-oħra tagħha hi ħadithom lura, ta' l-ikel hi rrinunzjat li tfittxu u ma għandha l-ebda pretensjoni oħra;

In kwantu, imbagħad, li l-azzjoni qiegħda ssir mill-attur, il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, ma tarax li l-konvenut irnexxilu jissodisfa l-imsemmi piż tal-prova tar-rinunzja għall-azzjoni imposta fuqu b'liġi;

Fix-xhieda tiegħu l-konvenut jagħti *ad intendere* li wara l-inċident tad-*dinner dance*, l-attriċi u ommha marru darbtejn id-dar tiegħu - l-ewwel darba meta ma kienx hemm għax kien fuq ix-xogħol u għalhekk ma jafx x'ġara u t-tieni darba meta sar il-bdil tar-rigali u din it-tieni darba l-attriċi u ommha kienu akkompanjati mill-attur u l-omm qaltlu: "mela issa aħna *square* u nawguralek" u hu rrispondiha "nawguralha";

Iżda mid-deposizzjoni ta' l-attriċi u ommha jirriżulta li huma kienu marru biss darba u dakinhar kienu marru għar-rigali

u ma kienx preżenti l-konvenut;

F'dan l-istat tal-provi l-konvenut ma jistax jgħid li hu pprova li kien preżenti meta l-attriċi u ommha marru għar-rigali u lanqas għalhekk il-Qorti ma tista' taċċetta l-versjoni tiegħu li l-omm (mart l-attur) kienet qaltlu li issa kienu *square*, u lanqas tista' tikkonkludi li l-attur akkwijexxa bil-presenza tiegħu għal xi rinunzja li setgħet talvolta saret minn martu billi din il-presenza tiegħu ma ġietx sodisfaċentement ippruvata. Kwindi l-Qorti tikkonkludi in kwantu l-azzjoni saret mill-attur illi l-ftehim allegat mill-konvenut ma ġiex sodisfaċentement ippruvat u l-konvenut huwa tenut li jħallas lill-attur id-danni li hu sofra bħala konsegwenza tar-reżiliment inġust magħmul mill-konvenut ta' l-għerusija ma' l-attriċi;

Ikkunsidrat:

Il-pretensjoni ta' l-attur tikkonsisti fl-ispejjeż li hu nefaq permezz ta' martu għall-*party* fl-okkażjoni ta' l-għerusija, liema *party* l-provi juru li l-konvenut aċċetta li jsir. Jirriżulta mid-dikjarazzjoni ġġuramentata ta' l-attur, mid-deposizzjoni ta' martu u mix-xhud John Catania li ntefqet b'kollox is-somma ta' erba' mija, sebgħa u tletin lira, ħamsin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm437.50,8) u mhux erba' mija, sebgħa u erbgħin lira, ħamsin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm447.50,8) kif erronjament indikati minħabba żball ta' addizzjoni fid-dok. I (fol. 12). Il-konvenut ipprova jagħti ad intendere bix-xhieda li pproduċa li l-imsemmija somma kienet eċċessiva meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni n-numru ta' mistednin. Iżda jirriżulta mill-istess xhieda (e.g. Alfred Sant) li wara xi siegħa tar-riċeviment kien hemm nuqqas fix-xorb u dan juri li l-ordnijiet tax-xorb, jew almenu ta' ċertu xorb, ma kienx eċċessiv. Fl-istess ħin però mart l-attur xehdet li kien baqa' xi ħaġa tax-xorb u minerali li użathom wara d-dar u anke Catania xehed li rritorna

xi minerali lil Farsons. Ma sarux provi oħra dwar ix-xorb u minerali li kien baqa' u f'dan l-istat tal-provi, il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, tnaqqas is-somma ta' tletin lira Maltija (Lm30) u għalhekk jibqa' bilanċ dovut ta' erba' mija, seba' liri Maltin, ħamsin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm407.50,8);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara li l-għerusija bejn l-attriċi u l-konvenut tħassret minnu mingħajr raġuni ġusta; tillikwidat d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' erba' mija, seba' liri Maltin, ħamsin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm407.50,8) u tiddikjara u tiddeċidi li ma hemm ebda danni dovuti lill-attriċi u konsegwentement tikkunanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' erba' mija, seba' liri Maltin, ħamsin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm407.50,8) in linea ta' danni u tiċħad it-talba ta' kundanna ta' ħlas ta' danni in kwantu magħmula mill-attriċi. L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal nofs (½) mill-attriċi u kwantu għal nofs mill-konvenut.